**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Frar, 2017**

**Mandat Nru: 99/2017/1 AF**

**Peter Massine (Detentur tal-Passaport Germaniz bin-numru 255639676)**

**vs**

**Patrick Otto Michael Wrede (Detentur tal-Passaport Ingliz bin-numru 704164605),**

**Thomas Bone-Winkel (Detentur tal-Passaport Germaniz bin-numru L5NPWCZW3) u**

**Xiongxiong Lin (Detentur tal-Passaport Germaniz bin-numru L6WL78H64)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Peter Massine li permezz tieghu, din il-Qorti ntalbet biex:

i) izomm lill-intimat Patrick Otto Michael Wrede milli jagixxi bhala azzjonist ta' Bright Stone Holding Limited (C40891)

jew jezercita xi forma ta' dritt riservat fil-ligi jew fil-Memorandum and Articles of Association tal-istess Bright Stone Holding Limited lill-azzjonisti ta' Bright Stone Holding Limited u milli jwettaq kwalunkwe transazzjoni li tinvolvi l-24,999 ishma tal-klassi ordinarja A fil-kumpannija Bright Stone Holding Limited (C40891) inkluz imma mhux limitat ghal bejgh jew rahan ta' dawn l-ishma;

ii) izomm lil Thomas Bone-Winkel u lil Xiongxiong Lin milli jagixxi ta' diretturi ta' Bright Stone Holdings Limited jew b'xi mod iehor jwettqu kwalunkwe att ta' rapprezentanza jew gestjoni tal-kumpannija Bright Stone Holding Limited.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta tal-intimati li, in forza taghha ghar-ragunijiet fiha mfissra, issottomettew li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat l-atti kollha.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors, li thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

*"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward huwa kostanti fis-sens:

> *"Illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd."* – (Mugliett vs Bonnici – 25 ta' Jannar 2005).

Il-Qorti qieset id-dokumenti esibiti fid-dawl tal-fuq riferit insenjament u jirrizultalha mad-daqqa t'ghajn illi gie ffirmat mill-partijiet "share purchase agreement" li permezz tieghu ir-rikorrenti sar l-azzjonist principali b'effett mid-9 ta' Jannar 2017. Jirrizulta wkoll illi, sussegwenti ghal dan il-ftehim, saret id-debita registrazzjoni tal-ishma fir-Registru tal-Kumpanniji. Ma tirrizulta lil din il-Qorti ebda kwistjoni dwar l-awtenticità o meno tal-firma fuq l-imsemmi "share purchase agreement". L-allegazzjonijiet ta' agir frawdolenti li qeghdin isiru ghandhom jigu dettaljament trattati u decizi fil-proceduri fil-mertu, u dan aktar u aktar meta wiehed iqis il-komplessità tal-vertenzi li jezistu bejn il-partijiet.

Dwar il-hsara li tigi rekata jekk ma jintlaqax il-mandat, din il-Qorti qieset il-valur konsiderevoli tan-negozju tal-kumpanija u l-proprjetà intellettwali li tipposjedi. Ghalhekk tqis dan ir-rekwizit sodisfatt ukoll.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, din il-Qorti tqis li r-rikorrenti ssodisfa l-vot tal-ligi u tilqa' definittivament it-talbiet tieghu kif kontenuta fir-rikors tieghu tat-23 ta' Jannar 2017.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF